

## I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikkazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 20/2008

tal-11 ta' Jannar 2008

**li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ġertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-12 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Jannar 2008.

Għall-Kummissjoni  
Jean-Luc DEMARTY  
Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

(¹) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

## ANNESS

**tar-Regolament ta' l-Kummissjoni tal-11 ta' Jannar 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz (l)	Valur fiss ta' l-importazzjoni
0702 00 00	IL MA TN TR ZZ	147,2 59,1 129,8 121,6 114,4
0707 00 05	JO MA TR ZZ	190,5 75,7 150,2 138,8
0709 90 70	MA TR ZZ	110,4 126,1 118,3
0709 90 80	EG ZZ	313,6 313,6
0805 10 20	CL EG IL MA TR ZA ZZ	64,2 44,1 46,8 64,9 75,1 37,4 55,4
0805 20 10	MA ZZ	87,3 87,3
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	CN IL PK TR ZZ	59,1 61,5 42,8 84,9 62,1
0805 50 10	EG IL TR ZA ZZ	77,2 149,9 119,4 76,9 105,9
0808 10 80	CA CN MK TR US ZA ZZ	102,6 87,5 35,5 118,1 114,4 89,0 91,2
0808 20 50	CN US ZA ZZ	83,6 106,9 134,7 108,4

(l) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jiġi rappreżenta "oriġini oħra".